**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 229/2019 RM**

**Absolute Constructions Limited [C-31528]**

**-vs-**

**Astrid Marie Lucienne Lubin [KI 122255A] u**
**Denis Constantin Antoine Tailly**

**Illum, 19 ta' Mejju 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Astrid Marie Lucienne Lubin f'isimha proprju u bhala mandatarja ta' zewgha Denis Constantin Antoine Tailly li hu assenti minn Malta, a tenur tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-14 ta' Ottubru 2019 fejn gie premess is-segwenti:

*1. "Illi kontestwalment mar-Rikors promotur fl-ismijiet premessi s-socjeta` Absolute Constructions Limited talbet u ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru ghall-ammont ta' tlettax -il elf (€13,000) fil-konfront ta' l-esponenti (Mandat numru 1748/19).*

*2. Illi permezz ta' ftehim datat l-10 ta' Jannar, 2019 l-esponenti Astrid Marie Lucienne Lubin inkarigat lis-socjeta` attrici sabiex tezegwixxi xogholijiet fil-fond 25, Triq l-Irlandizi Bormla (Dokument A). Hija kienet xtrat il-fond imsemmi b'kuntratt in atti n-Nutar Louanne Magri tal-31 ta' Jannar, 2017 (Dokument B).*

*Jigi rilevat illi l-esponenti kienu stabbilew ir-regim tas-separazzjoni tal-assi bejniethom b'kuntratt ippublikat in atti n-Nutar George Spiteri Debono ta' l-4 ta' Dicembru 2018 (Dokument C), b'dan ukoll illi l-fond imsemmi fi Triq l-Irlandizi, Bormla ghadda esklussivament f'idejn il-mara.*

*Ghaldaqstant qed jigi sottomess illi l-esponent zewgha bl-ebda mod ma jista' jitqies li ghandu xi rapport guridiku kwalsiasi mas-socjeta` attrici, u a tenur ta' l-artikolu 836 (b) il-hrug tal-mandat fil-konfront tar-ragel ma jista' jkollu l-ebda gustifikazzjoni.*

*3. Da parti taghha l-esponenti Astrid Lubin tirrileva kif gej;-*

*(a) Il-Perit Amanda De Giovanni, inkarigata skont il-ftehim li kien sar kif inghad f' Jannar, 2019 (Dokument A), kejlet ix-xoghol li sar mis-socjeta` attrici u stmat il-valur komplessiv ta' l-istess xoghol fl-ammont ta' €54,454 kompriza l-VAT (Dokument D).*

*(b) Kif jidher skont il-kopji annessi ta' 'bank drafts' rilaxxjati ghaf-favur tas-socjeta` attrici, sallum thallset b'kollox l-ammont ta' €47,200, kompriza l-VAT (Dokument E), ghalkemm ukoll sallum ma giet supplita l-ebda ricevuta fiskali.*

*(c) Kif kontemplat skont il-ftehim maghmul mas-socjeta` attrici (Dokument A, Klawsola 8), fil-kaz ta' dewmien gie stabbilit illi "the owner has the right to deduct such sum from any amount due to the Contractor". Infatti tali tnaqqis gie kalkolat mill-esponenti (Dokument F), u jammonta ghal €3,700.*

*Konsegwentement jigi li jifdal bilanc ta' €2,888.*

*(d) Is-socjeta` attrici ppretendiet hlas ta' "crane service" fl-ammont ta' €4,255 (Dokumenti G u G1) illi effettivament mhuwiex "invoice" kif kellu jkun, waqt illi l-esponenti nsistiet li jkollha "invoice'' ikkontestat mill-esponenti ghal ragunijiet li hija ddettaljat (Dokument H), wara li hija kkonsultat ukoll mal-Kunsill Lokali Bormla stante l-htiega ta' permess biex jitqieghed "crane".*

*Jekk ghall-grazzja ta' l-argument biss kellu jitqies illi l-hlas ta' €4,255 hawn imsemmi jista' jigi gustifikat l-ammont flimkien ta' €2,888 u €4,255 imkien ma javvicinaw it-€13,000.*

*Persuna li tkun hallset, kif jirrizulta, komplessivament €47,200 bejn Jannar u April tas-sena korrenti hi x'aktarx persuna affidabbli, "to say the least".*

*Mhux hekk biss, izda l-kuntrattur odjern (is-socjeta` attrici) bhal kull kuntrattur iehor kellu kull possibilita` li jiskrivi l-privilegg legali relattiv in kawtela tad-drittijiet pretizi minnu. Issir riferenza hawnhekk ghall-artikolu 836 (1) (c) tal-Kap 12. Huwa pprefera minflok illi jitlob l-hrug tas-Sekwestru, possibilment anke bl-iskop li jwassal lill-esponenti biex iccedi ghall-pretensjonijiet tieghu ladarba jkun beda jhammeg ir-reputazzjoni taghha bhala funzjonarja c'certu livell tal-APS Bank Limited.*

*Qieghed ghalhekk jintalab bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*i. Tirrevoka u thassar il-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 1748/19 fil-konfront ta' l-esponent Denis Constantin Antoine Tailly, primarjament ghaliex bl-ebda mod ma jista' jitqies debitur tas-socjeta` attrici;*

*ii. Tirrevoka u thassar il-hrug tal-Mandat riferenzjat fil-konfront ta' l-esponenti Astrid Marie Lucienne Lubin ghar-ragunijiet kontemplati skont l-artikolu 836 (1) (c) u (f) tal-Kap 12, jew*

*iii.Sussidjarjament u bla pregudizzju ghat-tieni talba, tirriduci d-debitu pretiz skont l-istess Mandat kif ikun jidhirlha xieraq ghar-ragunijiet suesposti."*

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Ottubru 2019 li permezz taghha ordnat li r-Rikors jigi notifikat lis-sekwestranti li nghatat zmien sebat ijiem sabiex tipprezenta risposta;

Rat illi fit-3 ta' Marzu 2020 fl-atti tal-kawza Rikors Numru 200/2019 fl-ismijiet **Absolute Constructions Limited vs Astrid Marie Lucienne Lubin**, is-socjeta` sekwestranti hemmhekk attrici, tat ruhha b'notifikat bir-Rikors tar-rikorrenti odjerni hemmhekk konvenuti, tal-14 ta' Ottubru 2019 kif ukoll bid-digriet tat-22 ta' Ottubru 2019;

Rat illi permezz tal-Avviz Legali 61 tal-2020 u l-Avviz Legali 65 tal-2020, gie ordnat l-gheluq *inter alia* tar-Registru tal-Qorti kif ukoll is-sospensjoni tat-termini gudizzjarji u legali b'effett mis-16 ta' Marzu 2020, liema sospensjoni ghadha fis-sehh sal-lum;

Rat illi permezz tal-Avviz Legali 177 tal-2020, l-ordni tal-gheluq tar-Registru tal-Qorti gie revokat b'effett mill-4 ta' Mejju 2020;

Rat ir-Risposta tas-socjeta` Absolute Construction Limited ipprezentata fir-Registru tal-Qorti nhar it-8 ta' Mejju 2020 fejn gie sottomess is-segwenti:-

*1. "Illi diga' gie prezentat il-kontromandat 1994/2019 dwar il-mandat ta' sekwestru mahrug kontra Denis Constain Antoine Tailly, liema kontromandat huwa diga' milqugh u notifikat lis-sekwestratarji kollha, u ghaldaqstant il-*

*mertu ta' dan ir-rikors fir-rigward tieghu huwa diga' ezawrit. Inoltre, dan il-kontromandat kien gie milqugh sew qabel ma gie pprezentat ir-rikors odjern u ghalhekk it-talbiet li saru fil-konfront tieghu saru kompletament ghalxejn u l-esponenti m'ghandha bl-ebda mod tkun kkundannata thallas ebda spejjez marbuta mat-talba relattiva ghar-riduzzjoni tal-mandat fil-konfront ta' Denis Constantin Antoine Tailly.*

*2. Illi r-rikorrenti fir-rikors odjern tressaq varji ragunijiet ghalhiex skond hi l-mandat ta' sekwestru prezentat mis-socjeta' esponenti ghandu jigi revokat ai termini tal-Art 836(1)(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe ghaliex skond hi wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti madanakollu in sostenn ta' din it-tezi r-rikorrenti qed tistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeciedi proprju dak li hu l-mertu tal-kawza odjerna.*

*3. Illi huwa ben risaput illi fl-accertament tat-talbiet tar-rikorrenti ghall-fini ta` dan il-procediment, l-ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinjifikanti fl-ezami li trid taghmel din il- Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza propja. (PA/RCP – "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co Ltd" tas-7 ta' Frar 2001 u PA/JRM – "Mediterranean Flower Products Limited vs Flower Power (Sales) Limited" tat-30 ta' Dicembru 2008). Jispetta lir-rikorrenti li jaghmlu l-prova tat-talbiet taghhom ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru de quo u tat-talbiet l-ohra relatati.*

*4. Ghalhekk, u bid-dovut rispett lejn r-rikorrenti, ladarba l-kalkolu li qed taghmel f'paragrafu 3 tat-talbiet taghha jiddependi proprju fuq il-mertu tal-kwestjoni, u cioe' fuq l-ammont li huwa certifikat bhala dovut mill-Perit tal-progett, il-pagamenti li saru, jekk ghandhomx jitnaqqsu jew le xi penali ghal*

*dewmien (ladarba s-socjeta' attrici qed tghid li l-ebda penali ghal dewmien m'ghandha titnaqqas), u kif ukoll il-pretensjoni tas-socjeta' attrici dwar l-ammonti li huma dovuti ghall-kiri tal-krejn (li kienet spiza li kellha taghmel tajjeb ghaliha r-rikorrenti f'dawn il-proceduri u hadd iktar), allura necessarjament din l-Onorabbli Qorti ma tistax tghaddi biex tiddetermina t-talba tar-rikorrenti fuq bazi prima facie ladarba dawn huma proprju l-pern tal-kawza u huwa car li m'hemmx qbil dwarhom bejn il-partijiet.*

*5. Illi fuq il-qaghda finanzjarja tar-rikorrenti, u bid-dovut rispett lejha, filwaqt li huwa minnu li ghamlet numru ta' pagamenti, r-rikorrenti ma ghandu l-ebda mod kif la jkun jaf minn fejn kienet qed iggib dawn il-flus r-rikorrenti (jekk dawn kienux mislufa lilha jew jekk kienux flusha stess), u wisq inqas ma jaf jekk din ghandhiex flejjes biex taghmel tajjeb ghal pretensjonijiet kollha tieghu. F'dar-rigward tajjeb li wiehed jigbed l-attenzjoni fil-fatt li minkejja li l-mandat odjern kien gie prezentat f'Settembru tas-sena l-ohra, sallum ghadu ma giex depozitat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti l-ammont kollu li qed jigi kawtelat b'dan il-mandat – ghalhekk indipendentement minn jekk ir-rikorrenti hiex persuna affidabbli jew le, il-pretensjoni tas-socjeta' esponenti ghadha sallum mhux kompletament kawtelata.*

*6. Illi dwar l-iskrizzjoni tal-privilegg legali – bid-dovut rispett lejn ir-rikorrenti, l-fatt li jigi iskritt privilegg ma jfissirx awtomatikament li s-socjeta' esponenti ser tkun qed tithallas dak li hu dovut lilha – l-iskrizzjoni tal-privilegg ma tikkancellax il-kreditu ta' kredituri privileggjati ohrajn li jista' jkun hemm u ghalhekk minkejja li din tista' tkun garanzija addizzjonali, m'hiex garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min jkun talab il-hrug tal-att kawtelatorju ai termini tal-Art 836(1)(c).*

*7. Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li qed tahseb ir-rikorrenti, u cioe' illi dan il-mandat intalab biex jinhareg biex jhammeg r-reputazzjoni taghha bhala funzjonarja f'certu livell tal-APS Bank Limited, is-socjeta' esponenti talbet il-*

*hrug tal-mandat odjern semplicement sabiex tikkawtela l-pretensjoni taghha f'din il-kawza, u xejn izjed.*

*8. Illi minkejja li t-talba taghha ghar-revoka tal-mandat ir-rikorrenti taghmilha ai termini tal-Art 836(1)(c) u (f) ma taghmel l-ebda sottomissjoni ghalhiex skond hi mhux ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan m'huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*

*9. Illi sallum din il-pretensjoni ghadha ma gietx debitament kawtelata fl-intier taghha, u mir-rikors odjern, ma jirrizultawx ragunijiet bizzejjed sabiex tintlaqa' t-talba ghar-revoka tal-mandat 1748/19 fil-konfront ta' Astrid Marie Lucienne Lubin ai termini tal-Art 836(1)(c) u (f), bhal ma lanqas m'hemm l-ebda raguni ghaliex ghandu jigi ridott l-ammont kawtelat bis-sahha ta' dan il-mandat.*

*10. Ghaldaqstant, jigi umilment sottomess illi t-talbiet kollha maghmula mir-rikorrenti fir-rikors taghhom ai termini tal-Art 836 tal-Kap 12 ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontrihom."*

Rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 1748/2019 fl-ismijiet fuq premessi u l-atti tal-kontro-talba bin-numru 1994/2019;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 836(4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat;

Ir-rikorrent Gerard Dominic Borg Mizzi jitlob ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru mahrug mill-intimat Roberto Carlos Calleja, u jiccita in sostenn tat-

talba tieghu id-dispozizzjonijiet tas-subincizi (d) u (f) tal-Artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat il-Mandat ta' Sekwestru Numru 1478/2019 u ghandha quddiemha wkoll l-atti tal-kawza dwar id-determinazzjoni tal-jedd pretiz f'dan il-Mandat ta' Sekwestru. Jirrizulta illi l-pretensjoni tas-socjeta` sekwestranti Absolute Constructions Limited hija ghall-hlas ta' somma bilancjali dovut lilha fuq kuntratt ta' appalt konkluz bejn il-partijiet fl-10 ta' Jannar 2019 u l-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru de quo ntalab proprju sabiex tigi kawtelata din il-pretensjoni.

L-Artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12, jiddisponi illi att kawtelatorju jista' jigi revokat ghar-raguni, *inter alia*:-

b) *li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;*
*(c) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew*
...
*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex iktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

Ir-rikorrenti odjerni, sekwestrati fl-atti tal-Mandat in dizamina, jikkontendu qabel xejn illi dan il-Mandat qatt ma messu nhareg fil-konfront tar-rikorrent Denis Constantin Antoine Tailly ghaliex kif jirrizulta mill-kuntratt ippubblikat fl-4 ta' Dicembru 2018 (esebit fl-atti bhala Dok. C), ir-rikorrenti tterminaw ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti u ghazlu li japplikaw minflok ir-regim patrimonjali tas-separazzjoni tal-beni ghaz-zwieg taghhom.

Il-Qorti rat l-atti u jirrizulta illi bis-sahha ta' dan il-kuntratt, il-fond gewwa 25, Triq l-Irlandizi, Bormla, li kien gie akkwistat matul iz-zwieg taghhom permezz

ta' kuntratt datat 31 ta' Jannar 2017 (esebit in atti bhala Dok. B), gie trasferit esklussivament lir-rikorrenti Astrid Marie Lucienne Lubin. Ghall-korrettezza l-Qorti tosserva illi meta gie ppubblikat dan il-kuntratt u sar it-trasferiment imsemmi, dan il-fond kien diga` gie akkwistat mir-rikorrenti Astrid Marie Lucienne Lubin wahedha, ghaliex fil-kuntratt tal-akkwist relattiv (esebit in atti Dok. B), ippubblikat fil-31 ta' Jannar 2017, gie dikjarat illi bejn il-konjugi kien applikabbli r-regim tas-separazzjoni tal-beni. Izda din id-dikjarazzjoni mhijiex korretta ghaliex jirrizulta illi r-rikorrenti tterminaw ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti u applikaw dan tas-separazzjoni tal-beni, biss sussegwentement ghall-akkwist tal-fond, fl-4 ta' Dicembru 2018.

Izda fi kwalsiasi kaz, jirrizulta li l-ftehim tal-appalt konkluz mas-socjeta` sekwestranti ghall-ezekuzzjoni ta' xoghlijiet ta' kostruzzjoni fil-fond fuq imsemmi, gie ffirmat fl-10 ta' Jannar 2019 cioe` sussegwentement ghat-trasferiment tal-istess fond esklussivament lir-rikorrenti u kwindi fi zmien meta s-sid esklussiv tal-fond kienet Astrid Marie Lucienne Lubin.

Ir-rikorrenti jikkontendu illi f'dawn ic-cirkostanzi, il-hrug tal-Mandat fil-konfront tar-rikorrenti Denis Constantin Antoine Tailly, mhuwiex gustifikat ghaliex ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta` sekwestranti u l-imsemmi rikorrent.

Jirrizulta illi fil-korp tar-Rikors taghhom, ir-rikorrenti indikaw is-subinciz (b) tal-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12 in sostenn tal-kontenzjoni taghhom li l-Mandat ghandu jigi revokat fil-konfront ta' Denis Constantin Antoine Tailly, izda mbaghad, fit-talbiet tal-istess Rikors, huma indikaw, presumibbilment bi zvista, is-subinciz (c) tal- Artikolu 836(1). Talbu wkoll ir-revoka abbazi tas-subinciz (f) tal-istess Artikolu 836(1).

Is-subinciz (c) tal-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12 diga` gie citat iktar 'il fuq u l-Qorti tqis li r-raguni ghar-revoka hemm prospettata, cioe` li tezisti garanzija

xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni, ma ghandha xejn x'taqsam mar-ragunijiet moghtija ghat-talba ghar-revoka tal-Mandat kwantu ghar-rikorrent Denis Constantin Antoine Tailly.

Ir-rikorrenti izda, talbu illi l-Mandat jigi revokat ukoll ghar-raguni msemmija fis-subinciz (f) tal-Artikolu 836(1). Jikkontendu illi l-hrug tal-Mandat fil-konfront tal-imsemmi rikorrent mhux gustifikat.

Apparti l-fatt illi l-Qorti tqis illi l-parti tas-subinciz (f) li hija applikabbli ghall-fatti premessi mir-rikorrenti, hija biss dik li tghid illi l-att kawtelatorju jista' jigi revokat jekk jintwera fic-cirkostanzi li ma jkunx ragjonevoli li parti minnu jinzamm fis-sehh, jirrizulta mir-Risposta tas-socjeta` sekwestranti u anke minn ezami tal-atti tal-Mandat ta' Sekwestru *de quo*, illi effettivament, il-Mandat diga` gie revokat limitatament fil-konfront tar-rikorrenti Denis Constantin Antoine Tailly. Dan permezz ta' rikors ghall-hrug ta' kontro-mandatipprezentat mis-socjeta` sekwestranti fit-23 ta' Ottubru 2019, liema rikors gie milqugh u l-kontro-mandat inhareg fl-24 ta' Ottubru 2019 (Numru 1994/2019).

Jirrizulta illi s-socjeta` sekwestranti giet notifikata bir-rikors odjern ferm wara li l-mandat gie revokat fil-konfront tar-rikorrent Denis Constantin Antoine Tailly. F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti kienet tippretendi illi t-talba ghar-revoka tal-Mandat fil-konfront ta' dan ir-rikorrent tigi rtirata mill-istess rikorrent tempestivament u mhux tibqa' tifforma parti mill-atti biex il-Qorti jkollha tiehu konjizzjoni taghha meta l-kontro-mandat relattiv ilu li nhareg jumejn biss wara l-prezentata tar-Rikors promotur.

Il-hrug tal-kontro-mandat ifisser illi l-mertu tat-talba ghar-revoka tal-Mandat fil-konfront tal-imsemmi rikorreni huwa ezawrit. Izda l-Qorti wara li rat l-atti, tqis illi fi kwalsiasi kaz, ma kienx ikun ragjonevoli li dan jibqa' hekk fis-sehh galadarba jirrizulta li l-uniku sid tal-fond huwa r-rikorrenti Astrid Lubin u zewgha r-rikorrent l-iehor ma ghandu l-ebda titolu fuq il-fond, u galadarba meta

gie konkluz il-ftehim tal-appalt, bejn il-konjugi kien fis-sehh ir-regim tas-separazzjoni tal-beni b'mod li l-obbligazzjonijiet pattwiti jistghu jorbtu biss il-konjugi kontraenti u mhux ukoll il-konjugi l-iehor.

Ikkunsidrat;

Fit-tieni parti tar-Rikors promotur, ir-rikorrenti Astrid Marie Lucienne Lubin titlob ir-revoka tal-Mandat ghaliex tikkontendi illi l-ammont li jista' jkun dovut minnha lis-socjeta` sekwestranti huwa ferm inqas mill-ammont kawtelat permezz tal-Mandat u f'kull kaz, hija persuna affidabbli. Tikkontendi wkoll illi minkejja li s-socjeta` sekwestranti kellha l-jedd li tiskrivi privilegg legali fuq il-fond, naqset milli taghmel dan entrio t-terminu koncess mil-ligi. Talbet ghalhekk ir-revoka tal-Mandat abbazi tal-Artikolu 836(1)(c) u (f).

**<u>Is-subinciz (f) tal-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12</u>**

Safejn ir-rikorrenti ssostni illi m'huwiex ragjonevoli illi l-Mandat *de quo* jinzamm fis-sehh jew illi l-att jew parti minnu m'huwiex iktar mehtieg jew gustifikabbli, il-Qorti tosserva illi gie kostantement ritenut mill-qrati taghha illi l-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tehtieg illi jintwera li tkun tbiddlet xi cirkostanza wara l-hrug tal-Mandat, li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l istess Mandat jibqa' fis-sehh *in toto* jew in parti. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "*jinżamm*" u "*aktar meħtieġ*" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz. Sabiex issir din l-analizi wiehed irid jistabblixxi jekk mid-data tal-hrug tal-Mandat ghadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet għall-hrug tal-Mandat.

Issa, il-htigijiet tal-ligi procedurali ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju huma li l-persuna li titlob il-hrug tal-Mandat:-

"*(a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta` tal-persuna li tkun talbitu*"[1].

Illi fil-kaz odjern ma intweriex illi mid-data meta nhareg il-Mandat in kwistjoni fil-konfront tar-rikorrenti Astrid Marie Lucienne Lubin, kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi sabiex il-Qorti tista' tasal biex tiddeciedi li l-hrug tal-Mandat li kien ragjonevoli jew gustifikabbli, u issa m'ghadux. Ma jirrizultax lanqas illi wiehed mir-rekwiziti legali ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma ghadux fil-fatt jezisti.

Ir-rikorrenti izda, issostni wkoll illi bil-hrug tal-Mandat *de quo,* is-socjeta` sekwestranti qieghda tikkawtela ammont illi m'huwiex rejalment dovut, ghaliex jekk verament hemm xi bilanc dovut fuq l-appalt, dan huwa minimu u zgur li mhuwiex vicin is-somma kawtelata ghall-finijiet tal-hrug tal-Mandat. Tikkontendi ghalhekk illi mhuwiex ragjonevoli fic-cirkostanzi illi l-Mandat jinzamm fis-sehh.

In sostenn ta' dan, ir-rikorrenti ssostni illi filwaqt li l-valur tax-xoghol imkejjel mill-Perit tal-progett huwa fis-somma ta' €54,454, hija ghamlet pagamenti fis-somma komplessiva ta' €47,200. Oltre dan, tikkontendi illi ghandu jitnaqqas l-ammont ta' €3,700 li hija kkalkolat li jirrapprezenta l-penali ghad-dewmien fl-ezekuzzjoni tal-appalt ai termini tal-klawsola 8 tal-ftehim tal-appalt (Dok. A). Ir-rikorrenti tikkontesta wkoll is-somma ta' €4,255 rapprezentanti "crane service" ghaliex dan l-ammont ma giex mitlub mis-socjeta` sekwestranti permezz ta' fattura formali kif miftiehem.

Ikkunsidrat;

[1] **George Cassar pro et noe et vs Emanuel Falzon et** – Rikors 741/2015, deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Ottubru 2015.

Il-Qorti li ghandha quddiemha l-atti tal-kawza dwar id-determinazzjoni tal-jedd pretiz fil-Mandat *de quo*, tosserva illi f'dik il-kawza r-rikorrenti ressqet eccezzjonijiet li huma imsejsa fuq ir-ragunijiet migjuba minnha fir-Rikors odjern cioe` l-hlasijiet li ghamlet akkont tal-valur tax-xoghol imkejjel mill-Perit tal-progett, it-tnaqqis mill-bilanc dovut tal-penali pattwit fil-ftehim tal-appalt minhabba dewmien fl-ezekuzzjoni tal-appalt, kif ukoll l-oggezzjoni ghall-hlas tal-ammont dovut ghas-servizz tal-crane. Dan ifisser illi effettivament, l-aggravji tar-rikorrent f'dan ir-Rikors odjern jikkostitwixxu proprju l-fondament tal-eccezzjonijiet fil-mertu li hija ddeduciet fl-imsemmija kawza.

Il-korollarju ta' dan huwa, inevitabbilment, illi l-argomenti mressqin 'il quddiem mir-rikorrenti f'dan ir-Rikors odjern, jappartjenu lill-mertu tal-kawza pendenti bejn il-partijiet u ma jistghux jitqiesu, kif jippretendi l-istess rikorrenti, bhala fatti li jirrizultaw *ictu oculi* u b'mod oggettiv mill-atti. Dan ghaliex l-ezercizzju ghad-determinazzjoni dwar jekk l-ammont pretiz u kawtelat permezz tal-Mandat *de quo* huwiex eccessiv jew huwiex gustifikat, huwa wiehed li ghandu jsir abbazi ta' stharrig u evalwazzjoni tal-provi kollha migjuba mill-partijiet waqt il-kawza u m'huwiex wiehed illi jista' jsir semplicement minn ezami *prima facie* tal-atti tal-Mandat innifsu

Fil-provvediment fl-ismijiet **Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et** moghti fid-29 ta' Novembru 2001 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili, gie ritenut illi:-

*"... mid-dispozizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja*."

Intqal ukoll **Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti**, 27 ta' Gunju 2002, illi:-

"*Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza.*"

Ghaldaqstant, hija l-fehma tal-Qorti illi l-aggravji tar-rikorrenti illi l-ammont mitlub u kawtelat m'huwiex gustifikat, ma jistghux isostnu b'success it-talba ghar-revoka tal-Mandat abbazi tas-subinciz (f) tal-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12 ghaliex lil hinn mill-kunsiderazzjonijiet marbutin mal-ahhar parti ta' dan is-subinciz, ma jirrizultax *prima facie* mill-atti illi fic-cirkostanzi esposti mir-rikorrenti, ma jkunx ragjonevoli li l-Mandat jinzamm fis-sehh.

Jigi osservat ukoll illi ghalkemm ir-rikorrenti ma invokatx bhala wahda mir-ragunijiet ghat-tnehhija tal-Mandat, is-subinciz (d) tal-Artikolu 836(1) li jistipola li l-Mandat jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew ikun eċċessiv, liema subinciz jirrizulta li kien l-iktar wiehed li jirrifletti dan l-aggravju tar-rikorrent kif imfisser mir-Rikors taghha, hawnhekk ukoll jehtieg stharrig tac-cirkostanzi tal-ezekuzzjoni tal-appalt u evalwazzjoni tal-provi kollha mressqin in sostenn tat-talba ghall-hlas tal-ammont bilancjali pretiz fuq l-appalt. U dan l-istharrig huwa proprju dak li jehtieg li jsir sabiex jigu decizi t-talbiet u l-eccezzjonijiet fil-kawza dwar il-jedd pretiz fil-mandat, liema kawza tinsab pendenti quddiem din il-Qorti.

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrenti invokat ukoll is-subinciz (c) tal-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12 bhala raguni ohra ghar-revoka tal-Mandat. Dan jipprovdi illi l-att kawtelatorju jista' jigi revokat jekk jintwera li hemm garanzija ohra tajba biex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug tal-Mandat. Ir-rikorrenti ssostni li hija persuna affidabbli u ghaliex ghandha kariga gholja fl-APS Bank u f'kull kaz is-

socjeta` sekwestranti naqset milli tiskrivi l-privilegg legali fuq il-fond skont kif kellha l-jedd li taghmel biex tikkawtela l-pretensjoni taghha ghall-hlas.

Illi jigi osservat illi, kif jinsab ritenut, il-piz tal-prova li jezisti gid iehor li jista' jservi bhala garanzija biex jaghmel tajjeb ghall-pretensjonijiet tas-sekwestrant, jispetta biss fuq min jallegah u f'kull kaz, il-garanzija "xierqa" jehtieg li tkun wahda soda, cara u facilment realizzabbli minn min jitlob il-hrug tal-mandat[2]. Il-Qorti ma taqbilx illi l-fatt *ut sic* illi r-rikorrenti ghandha impieg li jista' jirrendi salarju tajjeb jista' jitqies bhala garanzija tajba ghall-fini tar-revoka tal-mandat. Il-garanzija tajba kienet tkun per ezempju id-depozitu fl-atti tal-mandat tal-ammont pretiz mis-sekwstranti pju` l-ispejjez tal-mandat, izda zgur mhux l-fatt li r-rikorrenti jista' jkollha introjtu tajjeb (ma ngiebet l-ebda prova ta' dan l-introjtu) jew il-fatt li hija ghamlet pagamenti sostanzjali akkont tal-ammont pretiz fuq l-appalt. Is-sekwestranti ma ghandha ebda kontroll fuq il-provenjenza tal-hlasijiet akkont li ghamlet ir-rikorrenti u lanqas dwar il-permanenza o meno tal-impieg tar-rikorrent u kwindi tal-introjtu taghha.

Il-fatt jibqa' illi l-ammont pretiz baqa' ma thallasx u lanqas gie depozitat taht l-awtorita` tal-Qorti u fin-nuqqas ta' xi prova ohra li tezisti garanzija soda u rejali, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li l-kreditu pretiz mis-socjeta` sekwestranti jista' jkun sufficjentement kawtelat bil-fatt *ut sic* li r-rikorrenti ghandha impieg u ghamlet hlasijiet sostanzjali akkont tal-appalt. Konsegwentement ma hemm ebda garanzija tajba u xierqa li tiggustifika r-revoka *in toto* jew in parte tal-Mandat a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 836(1)(c) tal-Kap. 12.

Dwar il-privilegg specjali spettanti lill-kuntrattur skont il-ligi ghall-valur tax-xoghol ezegwit, huwa minnu illi jinsabu disponibbli skont il-ligi mezzi ohrajn li s-socjeta` kreditrici setghet tadopera in kawtela tal-pretensjoni taghha. Izda l-Qorti tqis illi sakemm id-dritt ghall-hrug tal-Mandat ikun gie ezercitat fil-limiti

[2] **Ranger Company Ltd. v. Euro Imports Limited**, deciza mill-Prim'Awla fl-20 ta' Frar 2003.

permissibbli mil-ligi u ma jintweriex illi l-kreditur ikun mexa b'mod abbuziv u in malafede, il-kreditur ghandu l-prerogattiv li jaghzel huwa stess l-ghamla tal-att jew procedura li jidher li huwa l-iktar idoneu ghall-kawtela tal-kreditu tieghu. Il-ligi tipprovdi ghall-impozizzjoni tad-danni u penali kontra l-kreditur li jimxi kapriccozament u b'abbuz tad-drittijiet tieghu. F'dan il-kaz odjern, ma ntweriex illi s-socjeta` sekwestranti mxiet abbuzivament fil-hrug tal-Mandat ta' Sekewstru *de quo*.

Illi ghalhekk il-Qorti ser tichad it-talba ghar-revoka tal-mandat billi ma gewx ippruvati l-estremi rikjesti ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 836(1)(c) u (f) tal-Kap. 12, u lanqas, ghal kull buon fini, tas-subinciz (d) tal-istess Artikolu.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi r-Rikors billi filwaqt illi tastjeni ruhha mit-talba ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1748/2019 fil-konfront tar-rikorrent Denis Constantin Antoine Tailly stante l-hrug tal-kontro-mandat bin-numru 1994/2019, tichad it-talba tar-rikorrenti Astrid Marie Lucienne Lubin ghar-revoka tal-istess Mandat, bl-ispejjez ta' dan l-episodju jithallsu mir-rikorrenti Astrid Marie Lucienne Lubin.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**